**MALTA**

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum 29 ta' Marzu, 2017**

**Rikors Nru.: 10/2016**

**Anthony Guillaumier (K.I. 80740M)**

**Vs**

**Ibnass Abdessamad (K.I. 0129203L)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta-rikorrenti fejn gie sottomess:

**"Illi l-esponenti ottjena titolu ezekuttiv fil-konfront tal-intimat bhala garanti bl-avall ghas-somma kumplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u hamsin Euro (€21,250) rapprezentanti in kwantu hamest elef Euro (€5,000) kambjala li kellha tithallas sas-6 ta' Marzu tas-sena 2011 u li baqghat ma thallsitx sal-iskadenza, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AG1, in kwantu hamest elef Euro (€5,000) kambjala li kellha tithallas sas-6 ta' Settembru tas-sena 2011 u li baqghat ma thallsitx sal-iskadenza, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. AG2, in kwantu hamest elef Euro (€5,000) kambjala li kellha tithallas sas-6 ta' Marzu tas-sena 2012 u li baqghat ma thallsitx sal-iskadenza, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok AG3, in kwantu sitt elef mitejn u hamsin Euro (€6,250) kambjala li kellha tithallas sas-6 ta' Settembru tas-sena 2012 u li baqghat ma thallsitx sal-iskadenza, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AG4.**

**Illi dan l-ammont ghadu kollu dovut u ghadu sal-llum mhux inhallas;**

**Illi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ezekuzzjoni ta' titoli ezekuttivi bhal dawk li ottjena l-esponenti , wara l-gheluq ta' tliet snin minn dakinhar li fih skont il-ligi setaw jigu ezegwiti tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti.**

**Illi l-esponenti ghandu interess li jkompli bl-ezekuzzjoni tal-imsemmi titoli ezekuttivi.**

**Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett illi fit-termini tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-ezekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi u dan that dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni".**

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2017, l-intimat meta msejjah ma deherx ghalkemm debitament notifikat;

Semghet lir-rikorrenti is-seduta tas-6 ta' Marzu, 2017 fejn dan ikkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tal-intimat Ibnass Abdessamad il-konvenut tiddeċiedi billi:

Ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizza l-ezekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi fil-konfront tal-intimat Ibnass Abdessamad (K.I. 0129203L) li gew ottjenuti bhala garanti bl-avall ghas-somma komplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u hamsin Euro (€21,250).

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

Vera Kopja

John Muscat
Deputat Registratur